

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 58 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

18 ta' Frar 2021

Werrej

## II *Komunikazzjonijiet*

### DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

#### **il-Kunsill**

2021/C 58 I/01	Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' rappurtar li jippermettu l-ħruġ ta' bonds li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali għal NextGenerationEU .....	1
2021/C 58 I/02	Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-ġbir ta' data għal kontrolli u awditi effettivi .....	2

### KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **il-Kunsill**

2021/C 58 I/03	Dikjarazzjoni addizzjonali tal-Kummissjoni dwar il-ġbir ta' data għal kontrolli u awditi effettivi .....	3
2021/C 58 I/04	Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku .....	4

## IV *Informazzjoni*

### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 58 I/05	Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea .....	5
2021/C 58 I/06	Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea .....	7

MT



## II

*(Komunikazzjonijiet)*

## DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

## IL-KUNSILL

**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-istabiliment ta' rekwiżiti ta' rappurtar li jippermettu l-ħruġ ta' bonds li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali għal NextGenerationEU**

(2021/C 58 I/01)

Il-Kummissjoni tfakkar fl-ambizzjoni politika kondiviża tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. F'dan il-qafas, tissottolinja l-ambizzjoni tagħha li tiġbor mill-inqas 30 % tal-fondi li għandhom jiġu mislufa fis-swieq kapitali għall-ħtiġijiet ta' NextGenerationEU permezz tal-ħruġ ta' bonds li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jesploraw serjament il-possibbiltà li jintroduċu regoli li jistabbilixxu obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri, sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni għall-fini ta' evalwazzjoni tal-kontribut għall-oġġettivi ambjentali tal-fondi mislufa fis-swieq kapitali. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tfassal proposta leġiżlattiva f'dan ir-rigward matul l-ewwel trimestru tal-2021.

---

**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-ġbir ta' data għal kontrolli u awditi effettivi**

(2021/C 58 I/02)

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jfakkru fil-ħtieġa li jiġu żgurati kontrolli u awditi effettivi bl-għan li jiġi evitat il-finanzjament doppju u jiġu evitati, identifikati u rettifikati l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-miżuri appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Iż-żewġ istituzzjonijiet iqisu li huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġbru u jirreġistraw data dwar ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni f'format elettroniku standardizzat u interoperabbli u jużaw l-għodda unika ta' estrazzjoni ta' data li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni.

---

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

**Dikjarazzjoni addizzjonali tal-Kummissjoni dwar il-ġbir ta' data għal kontrolli u awditi effettivi**

(2021/C 58 I/03)

Il-Kummissjoni Ewropea tfakkar fid-dikjarazzjoni unilaterali tagħha dwar din il-kwistjoni fl-ambitu tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, li tapplika mutatis mutandis għall-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

---

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku**

(2021/C 58 I/04)

Il-Kummissjoni tqis li, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tiġi inkorporata fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

---

## IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2021/C 58 I/05)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> huma emendati kif ġej:

Fpaġna 386, jżiedu t-test u r-ritratti li ġejjin:


**"Nota addizzjonali 2**

Ara wkoll in-Nota 6 tal-Kapitolu 90 u s-sentenza fil-Kawżi Magħquda minn C-260/00 sa C-263/00, *Lohmann GmbH & Co. KG u Medi Bayreuth Weiermüller & Voigtmann GmbH & Co. KG vs Oberfinanzdirektion Koblenz*, il-paragrafi 36, 37, 39, 40, 43 u 45, (ECLI:EU:C:2002:637).

**Eżempji ta' prodotti li jaqgħu fis-subintestatura 9021 10 10:**

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.

**Eżempji ta' prodotti li jaqgħu fit-Taqsima XI:**

Fpaġna 389, in-nota ta' spjegazzjoni eżistenti tas-subintestatura 9021 10 10 tinbidel bit-test li ġej:

**“9021 10 10           Apparat ortopediku**

Ara n-nota ta' spjegazzjoni tan-Nota addizzjonali 2 tal-Kapitolu 90.”



**Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(2021/C 58 I/06)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> huma emendati kif ġej:

*Fpaġna 413 tiddaħħal in-nota ta' spjegazzjoni li ġejja:*

**“9504 40 00 Karti tal-logħob**

Din is-subintestatura tinkludi karti tal-logħob tipiċi li jeħtieġu interazzjoni bejn il-karti nfushom, bħall-akkoppjament, l-iskambju jew l-użu u l-kombinazzjoni tal-karti biex jiffurmaw kliem, gruppi ta' simboli jew ringieli ta' numri (pereżempju, karti tal-pontijiet, karti tal-logħob tal-poker, karti tal-lessiku, karti tat-tarot u karti tal-logħob tal-fantasja). Din is-subintestatura tinkludi wkoll karti tal-logħob tal-memorja u karti tal-logħob simili oħrajn, li normalment jintlagħbu sabiex jiġu akkoppjati l-istess kuluri, valuri, simboli jew immaġnijiet.

Tipi oħra ta' logħob tal-karti fejn il-karti fihom mistoqsijiet ta' għarfien, kompiti, kwizzijiet, stampi jew tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet (kemm jekk f'sett bi strumenti oħra tal-logħob, pereżempju, dada jew arloġġ tar-ramel) madankollu mhumiex meqjusa bħala karti tal-logħob ta' din is-subintestatura. Min jilgħab irid biss jwieġeb għal mistoqsija, jissodisfaw kompitu jew, pereżempju, jimmaġinaw li jidhru fl-istampa fuq kard u l-mod kif jilagħbu ma jeħtieġx interazzjoni bejn il-karti. Dawn il-karti għandhom il-karatteristiċi oġġettivi ta' logħob ieħor tas-salott u għalhekk għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 9504 90 80 bħala logħob ieħor.”

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)